MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 956/2003

**George Camilleri**

**Vs**

**Raylene Dalli u Silvia Abdilla**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju 2003 fejn l-attrur talab sabiex il-konvenuti jhallsu l-ammont ta' Lm190 (mija u disghin lira Maltin) rapprezentanti ta' danni li sofra l-attur meta l-konvenuti habtu mall-vettura proprieta ta' l-attur.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenuti jew minn minnhom huwa debitur tal-attur fis-somma ta' mija u disghin Lira Maltin rappresentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenuti waqt li kienu qed isuqu il-vetturi bin-numru RYL 183 u GAO 972 fit-22 ta' Marzu 2003 gewwa tas-Sliema kienu involuti f'incident tat-trafiku bir-risultat li l-vettura numru RYL 183 habtet mall-vettura

numru OBI 001 propjieta tal-attur u ikkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huma ghalih unikament responsabbli l-konvenuti jew minn minnhom stante li s-sewqan taghhom kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' zewg Ittri Ufficjali ohra ippresentati kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti bl-imghax mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Raylene Dalli fejn inghad li:-
L-esponenti Raylene Dalli tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal tat-Talbiet Zghar, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kienet unikament responsabbli is-sewwieqa tal-vettura l-ohra bin-numru tar-registrazzjoni GAO 972, ossija l-konvenuta l-ohra Silvia Abdilla, kawza ta' imprudenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta l-ohra Silvia Abdilla li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Silvia Abdilla fejn inghad li:-
Il-konvenuta Silvia Abdilla ghandha tigi liberata bl-ispejjez ghax ghall-incident stradali ma kienetx tahti hi.

Ikkonsidra:
Illi l-meritu ta' din il-kawza huwa identiku ghal dak deciz illum stess fl-Avviz Nru. 1269/03 JB fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Ltd noe et u Silvia Abdilla.

Illi l-partijiet qablu li x-xhieda li tingabar f'dik il-kawza tkun applikabli ukoll f'din il-kawza.

Illi f'dik il-kawza mismugha kontestwalment u deciza llum ukoll, gie deciz ghar-ragunijiet hemm premessi li l-konvenuta Silvia Abdilla hija unikamenbt responsabbli ghall-incident.

Illi relattivament ghal quantum tad-danni attrici, il-partijiet qablu fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru 2003 li d-danni jammontaw ghal Lm191.97 mija u wiehed u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu), ghalkemm l-avviz huwa limitat ghas-somma ta’ Lm190 (mija u disghin lira Maltin).

Jiddecidi billi jilqa’ it-talbiet attrici, jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta Raylene Dalli, jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta Silvia Abdilla, jiddikjara li unikament responsabbli ghall-incident u jikkundannawha thallas lill-attur is-somma ta’ Lm191.97 (mija u wiehed u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) bl-ispejjez u interessi kif mitluba mill-attur mill-konvenuta Silvia Abdilla.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------